MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Numru 754/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Spiteri)**

**vs**

**Mousef Ali Ben Mohamed Choubene**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Mousef Ali Ben Mohamed Choubene** ta' 41 sena, bin Mohamed Ali u Habiba *nee'* Bel Moussef, imwieled Tunis fid-9 ta' Settembru, 1961, residenti Flat 1, Stamphor Hse, Triq San Tumas, Fgura u detentur ta' karta tal-identita numru 13895(A);

Talli fit-23 ta' Lulju, 2004, ghall-habta ta' 6.00p.m. fil-Fgura, volontarjament ksirt il-paci pubblika u bon ordni

b’ghajjat, storbju, glied jew mod iehor u dan bi ksur u dana bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess hin u data, hebbejt ghal Gwardjani Lokali Kevin Azzopardi mill-Qrendi u Joseph Gauci Borda mill-Gzira waqt il-qadi ta’ dmirijiethom bhala gwardjani lokali u kkagunjat feriti ta’ natura hafifa hekk kif iccertifika it-tabib Dr. Martin Mallia M.D. mic-centru tas-sahha ta’ Rahal Gdid u dana bi ksur tal-artikolu 96 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli ostakolajt lill-gwardjani lokali Kevin Azzopardi u Joseph Gauci Borda waqt il-qadi ta’ dmirijietu u m’obdejtx l-ordnijiet tal-istess ufficjali pubblici u dana bi ksur tal-artikolu 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija mitluba illi barra li taghti l-piena stabillita mill-Ligi tapplika wkoll l-Art. 3383 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali kif ukoll tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjes li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti skond l-art. 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens tal-avukat generali kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi in dizamina wara rapport ta’ zewg gwardjani lokali li l-imputat kien iggieled maghhom wara li waqfuh hekk kif baqa’ ghaddej bil-vettura tieghu meta kellu jieqaf fuq Stop Sign. Appena waqfu magenb il-vettura tieghu, l-imputat fetah il-bieba fuq wiehed minnhom, hareg u tah daqqa ta’ ponn. Il-Gwardjan l-iehor hareg jassisti lill-kollega tieghu izda safa attakkat ukoll.

Il-verzjoni tal-imputat hija kompletament differenti minn dik tal-gwardjani lokali. Hu jghid illi meta l-karozza taghhom resqet hdejn tieghu, il-Gwardjani nizlu t-tieqa u u bdew jghajruh “kiesah ta’ Hal-Qormi” meta allura hareg wiehed minnhom u ta dqqa ta’ sieq fuq il-bieba tal-vettura tal-imputat u safa aggredit mill-gwardjani.

Il-Gwardjani Lokali Gauci Borda kellu ugieh fuq in-naha ta’ barra tal-irkoppa tal-lemin, ugiegh u hmura fuq haddejh u wiccu fuq ix-xellug u ugiegh fuq idu x-xellugija. Il-Gwardjan Azzopardi sofra ugiegh fuq in-anaha tax-xellug ta’ wiccu, ugiegh fl-irkoppa tax-xellug u fuq id-dirghajn u kellu l-qmis imqatta.

L-imputat ukoll esebixxa certifikat mediku fejn hemm notat li sofra diversi brix superficjali fuq diversi partijiet ta’ gismu inkluz taht ghajnejh ix-xellugija, f’ghonqu. Huwa kellu ukoll ugiegh fuq l-irkoppa tal-lemin u fil-kustilji tax-xellug u tbengil that ghajnejh ix-xellugija.

Illi minn dawn il-provi il-Qorti ma tistax tikkonkludi b’konvincenza morali illi l-prosekuzzjoni ippruvat l-kaz taghha kontra l-imputat. L-fatt illi l-vettura tal-imputat sofriet daqqiet fil-bieba b’mod illi ma setghetx tinfetah wara l-incident meta din suppost li garbet tali hsara billi l-imputat fetah l-istess fuq wiehed mill-gwardjani; il-fatt illi l-imputat sofra ukoll griehi li ma ngiebux a konjizzjoni ta’ din il-Qorti hlief mill-imputat innifsu meta l-gwardjani jghidu li anqas biss messewh huma fost r-ragunijiet li jinducu lill-din il-Qorti biex tikkonkludi illi l-kaz mhux pruvat fil-grad li tirrikjedi l-ligi;

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------